# IL-GENNA TA' L-ART

Il-Palestina kemm il-darba fix-xitwa ma tagħmelx xita u jaqa' għatx kbir u kull min ikollu xi bir bl-ilma jibda jbiegħ minnu bħal kieku kien inbid. Darba kienet sena minn dawn, ta' bla ilma, ilu-ilu ħafna, u ġara dan li sa ngħidu hawnekk.

Kien hemm wieħed raġel fqir għallaħħar li kellu bintu żgħira marida. Bdiet tibki bil-għatx imma ilma x'jisqiha ma kellux, u anqas ma kellu flus biex imur jixtri. Mar jittallab bieqja ilma minn għand il-ġirien, imma bla flus ħadd ma ried jagħtih. Kif kien hekk imnikket u mħasseb mar id-dar, qabad żir u ħabel twil u telaq idur fir-raba u jħares ġewwa l-ibjar. Imkien ma sab ilma. Kif sa jarġa' lejn id-dar, ra ġurdien ħiereġ minn taħt ġebla. Qal f'qalbu: "Hawn irid ikun hawn l-ilma, għax ġurdien ukoll irid jixrob, għax jekk ma jixrobx, imut!" Qaleb il-ġebla u jsib bir u ħares fil-bir u rah mudlam u jibqa' sejjer 'il ġewwa.

Rabat il-ħabel u niżel miegħu, u niżżel iż-żir. Lemaħ dawl fil-bgħid u baqa' sejjer lejh biż-żir f'idu. Imxi u imxi wasal. Sab ġnien sabiħ b'kull xorta ta' siġar tal-frott u xtieli talward u għasafar minn kull ġens, imma kollox kien jiebes u wieqaf, u ebda ħaġa ma titħarrek. F'nofs il-ġnien kien hemm menqa bl-ilma bilħut fiha, wieqaf ukoll, bla ma jitħarrek.

Mela ż-żir bl-ilma, qata' fergħa minn siġra, ħadha u telaq. Tala' malħabel u mar id-dar. Seqa lit-tifla u kif xorbot, fieqet u qamet. Taha l-fergħa biex tilgħab biha, u kif ħaditha rabbiet il-ġewż u fetħet il-ward. Rabat iż-żir bil-bqija tal-ilma u dendlu fil-bir biex jibqa' biered, imma kif dendlu, il-bir inmtela bl-ilma.

Imbagħad għaraf li dak il-ġnien ta' ġewwa l-bir kien il-ġenna tal-art! Qiegħda tistenna lin-nies it-tajba li jqumu mill-mewt, biex tarġa' tieħu l-ħajja u huma jibqgħu għal dejjem ta' dejjem jgħammru fiha.

Hanna Nimri.

# ĠAHAN U L-IMAM

Ġaħan kien Mislem, jiġifieri jħares iddjiena ta' Muhammed. Darba nhar ta' Ġimgħa fil-għodu (għax għal Misilmin il-Ġimgħa hi l-aktar jum imqaddes, bħal Ħadd tal-Insara u s-Sibt tal-Lhud) mar il-Moskija, jew knisja tagħhom, isalli. L-Imâm, jiġifieri l-qassis tal-Misilmin, malli ra n-nies miġmugħa għat-tislija, qalilhom: "Ja nies, indmu minn dnubietkom u għamlu tewba tagħhom u biddlu ħajjitkom; għax jekk ma tagħmlux hekk, Allâh ilkoll jixħetkom ġewwa n-nar tal-ġeħennem, raskom 'l isfel!"

Għal dal-kliem qabeż Ġaħan, bierèd-biered u wieġbu: "Bravu ħej, xi bxara tajba tajtna dal-għodu! Jekk Allâh sa jixħetna fin-nar issa, għadu kemm sebaħ, mela x'sa jagħmilna filgħaxija?"